# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 870/2014 SM**

**Frankie Inguanez (ID 273683 M)**
**Sephora Inguanez (ID 34888 M)**

**vs.**

**Anthony u Isabelle konjugi Attard**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti Frankie Inguanez sintetikament espona l-ilment in dizamina bil-mod segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti huma proprjetarji ta' *maisonettes* sottoposti ghal xulxin kif hemm indikat;

1.2. Illi f'dak tal-intimati hemm xoghol hazin kif hemm ukoll deskritt, li jirrikjedi riparazzjoni *stante* li qed jikkawzaw

hsarat u inkonvenjenzi fil-proprjeta` tar-rikorrenti ghaliex jipperkola l-ilma;

1.3. Illi ghalkemm l-intimati kellhom jeffettwaw xogholijiet riparatorji u kienu wkoll interpellati f'dan is-sens, dawn baqghu inadempjenti, (ara foll 12 u 13);

1.4. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghall-hsara sofferta mir-rikorrenti, ghar-riparazzjoni reza necessarja u ghad-danni li setghu gew ikkawzati lir-rikorrenti fil-fond taghhom;

1.4.2. Tillikwida l-hsarat u danni kkagunati, okkorrendo b'nomina ta' perit appozitu;

1.4.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu d-danni hekk likwidati;

1.4.4. Tiddikjara wkoll li jinhtieg li jsiru xogholijiet riparatorji fil-fond tal-intimati, anke hawn, okkorrendo b'nomina ta' perit appozitu;

1.4.5. Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju, taht is-supervizjoni ta' perit nominand, ssiru x-xogholijiet riparatorji li hemm bzonn;

1.4.6. Tawtorizza lir-rikorrenti biex kemm il-darba l-intimati jonqsu milli jeffettwaw ix-xogholijiet in dizamina, jkunu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet taht is-supervizjoni tal-istess perit nominand, izda a spejjez tal-intimati;

1.4.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata t-12 ta' Dicembru, 2014, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi mhux minnu li kkagunaw il-hsarat in dizamina;

2.3. Illi meta kien hemm bzonn li jsir xi xoghol huma kienu ghamluh;

2.4. Illi inkarigaw persuni professjonali li assigurawhom li ma kienux qed jikkawzaw il-hsarat u d-danni in dizamina;

2.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.6. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Frar, 2015, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, appuntat lill-perit tekniku hemm indikata biex tezamina il-fond in dizamina u l-perolazzjoni riskontrata, (ara foll 36);

4. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-28 t'April, 2015, (ara foll 48), flimkien man-nota addizzjonali datata l-5 ta' Gunju, 2015, (ara foll 88), u ma' relazzjoni sussegwenti datata l-15 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 98);

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-2 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li in vista tar-relazzjoni peritali u tal-fatt li l-problemi riskontrati meritu tal-procedura odjerna gew kollha rizolti, talbu zmien biex jesploraw il-possibilita` ta' transazzjoni, (ara foll 130);

6. Rat ukoll id-digriet tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat iz-17 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu ddikjara li d-danni gew riparati a spejjez tal-istess intimati, (ara foll 134);

7. Tirrileva li ghalkemm il-kontendenti kellhom mill-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016, biex jittransigu, l-awspikata transazzjoni baqghet ma sehhitx, (ara foll 135);

Ikkunsidrat:

8. Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu veru u proprju tal-procedura in dizamina jirrizulta pacifiku li l-mertu kollu gie debitament ezawrit

*stante* li l-intimati unilateralment effettwaw ir-riparazzjonijiet kollha rezi necessarji, u dan, a sodisfazzjon kemm tal-perit tekniku nominata kif ukoll tar-rikorrenti, (ara foll 134);

Ikkunsidrat:

9. Illi in vista tal-premess jirrizulta pacifikament assodat li l-hsarat riskontrati fil-proprjeta` tar-rikorrenti kienu kkagunati mix-xoghol fil-fond tal-intimati, (ara foll 56 u 99);

10. Illi stabillit dan, jirrizulta pacifiku li ghalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna in tutela tal-proprjeta` taghhom, liema procedura setghet facilment giet evitata kieku l-istess intimati effettwaw ir-riparazzjonijiet necessarji tempestivament;

Ikkunsidrat:

11. Illi ghalhekk, tenut kont li l-mertu tal-procedura odjerna gie ezawrit, (ara foll 134), jibqa` issa l-kwistjoni tal-ispejjez tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-ispejjez procedurali jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi l-hsarat riskontrati fil-proprjeta` tal-intimati kkawzaw il-hsarat elenkati mill-perit tekniku fil-proprjeta` tar-rikorrenti;

12.2. Illi minn jeddhom l-istess intimati effettwaw ir-riparazzjonijiet kollha necessarji;

12.3. Illi r-rikorrenti huma sodisfatti bir-riparazzjonijiet effettwati;

12.4. Illi l-procedura in dizamina setghet facilment tigi evitata mill-intimati billi jeffettwaw ir-riparazzjonijiet involuti

tempestivament u mhux wara li l-procedura in kwistjoni thalliet tiehu l-kors kolllu taghha kif sar;

**DECIDE:**

13. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghalhekk taqta` u tiddeciedi li l-ispejjez ta’ din il-procedura, kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, ikunu a karigu tal-intimati Anthony u Isabelle, konjugi Attard.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**